# PRIM' AWLA TAL-QORTI ĊIVILI

## IMĦALLEF
## ONOR. ROBERT G. MANGION

## SEDUTA TAL-15 TA' ĠUNJU, 2023

**Kawża nru. 3**

**Rik. Ġur. nru. 1207/2020 RGM**

**Martin Borg Nicholas Virtu**
**v.**
**Calamatta Cuschieri Investments Services Limited; u b'digriet tat-28 ta' Jannar 2021 ġew kjamati in kawża Andrew Borg u Damien Borg.**

**Il-Qorti,**

**Din hija deċiżżjoni dwar talba tal-kjamat in kawża Damien Borg sabiex jiġġustifika l-kontumaċja tiegħu.**

**Sfond.**

Fis-17 ta' Diċembru, 2020 l-attur Martin Borg Nicholas Virtu ippreżenta kawża kontra s-soċjeta' Calamatta Cuschieri Investments Services Limited relatata mal-wirt imħolli minn ommu. Irriżulta li hemm żewġ werrieta oħra, ħut l-attur. Għalhekk b'digriet tat-28 ta' Jannar 2021 il-Qorti ordnat is-sejħa fil-kawża tagħhom, u cioe' ta' Andrew Borg Nicholas u ta' Damien Borg Nicholas, li eventwalment b'digriet ieħor tal-4 ta' Mejju 2022 kunjom il-kjamati fil-kawża ġie korrett minn "Borg Nicholas" għal "Borg".

Sas-seduta tal-4 ta' Mejju, 2022 il-kjamati fil-kawża kienu għadhom mhux notifikati nonostante diversi tentativi. F'dik is-seduta l-legali tal-attur talbet l-awtorizzazzjoni tal-Qorti sabiex il-kjamat in kawża Damien Borg jiġi notifikat bil-mezz tal-proċedura ta' affissjoni u pubblikazzjoni peress li l-attur sostna li ma kellux informazzjoni dwar l-indirizz residenzjali attwali tiegħu.

B'digriet mogħti fl-istess seduta l-Qorti laqgħet it-talba u awtorizzat in-notifika tar-rikors promotur lill-kjamat in kawża Damien Borg bil-mezz tal-affissjoni u pubblikazzjoni inkluż f'gazzetta waħda lokali u b'direzzjoni sabiex l-affissjoni ssir ukoll f'indirizz ġewwa San Ġwann li kien indikat f'dokument li jinsab a fol. 66 tal-proċess bħala l-indirizz ta' Damien Borg.

Fl-10 ta' Ġunju, 2022 saret affissjoni fl-ufficju tal-Kunsill Lokali ta' San Gwann u fl-Għassa tal-Pulizija ta' San Ġwann. Dwar l-affissjoni mal-fond indikat f'San Gwann il-Marixxal irritorna riferta negativa li taqra' kif ġej: "Nixtiq direzzjoni ghax il-Garra fi Triq il-Gallina ma sibtx."

Fil-31 ta' Mejju 2022 saret il-pubblikazzjoni fil-Gazzetta tal-Gvern.[1]

Fit-12 ta' Ottubru, 2022 sar avviż f'gazzetta lokali bil-lingwa Ingliża u fil-21 ta' Ottubru, 2022 sar avviż f'gazzetta lokali fil-lingwa Maltija.

Sew fil-pubblikazzjoni fil-Gazzetta tal-Gvern, sew fiż-żewġ gazzetti lokali isem il-kjamat in kawża Damien Borg ma jirriżultax fl-okkju hemm pubblikat pero' fit-test Malti hekk imniżżel "Notifika Intimat: Borg Damien. Il-Garra, Triq il-Gallina, San Gwann" filwaqt li fit-test Ingliż hemm imniżżel: "Notice to Respondent: Borg Damien, Il-Garra, Triq il-Gallina, San Gwann.".

Fis-seduta tas-26 ta' Jannar, 2023 deher il-kjamat in kawża Damien Borg assistit mill-avukat tiegħu Dr Mario Demarco.

Fil-**21 ta' Frar, 2023 il-kjamat in kawża Damien Borg ippreżenta rikors li permezz tiegħu, għar-raġunijiet hemm mogħtija, talab li jiġi awtorizzat jippreżenta risposta ġuramentata**.

Fid-9 ta' Marzu 2023 s-soċjeta' konvenuta irrispondiet li kienet qed tirrimetti ruħha għall-ġudizzju tal-Qorti.

[1] Fol. 104

Fl-14 ta' Marzu, 2023 l-attur ippreżenta risposta li permezz tagħha, għar-raġunijiet hemm mogħtija, oppona għat-talba għall-purgazzjoni tal-kontumaċja tal-kjamat in kawża Damien Borg.

Fis-seduta tat-2 ta' Mejju, 2023 il-Qorti semgħat l-abbli avukati tal-attur u tal-kjamat inkawża Damien Borg jitrattaw ir-rikors ta' dan ta' l-aħħar tal-21 ta' Frar, 2023. Ir-rikors tħalla għallum għad-deċiżżjoni.

**Konsiderazzjonijiet tal-Qorti**.

**Artikolu 158 (10) Kap. 12 - Ġustifikazzjoni tal-Kontumaċja**.

Sabiex il-Qorti tilqa' talba għal ġustifikazzjoni tal-kontumaċja trid tkun sodisfatta li r-raġuni mogħtija hija waħda tajba ai termini tal-**Artikolu 158 (10) tal-Kapitolu 12** li jipprovdi li "Jekk il-konvenut jonqos li jippreżenta r-risposta ġuramentata msemmija f'dan l-artikolu, il-qorti tiddeċiedi l-kawża bħallikieku l-konvenut baqa' kontumaċi kemm-il darba ma jippruvax għas-sodisfazzjon tal-qorti raġuni tajba li għaliha naqas li jippreżenta r-risposta ġuramentata fiż-żmien li jmiss."

In tema legali ssir referenza għad-deċiżjoni mogħtija mill-Qorti ta' l-Appell (sede Superjuri) fl-ismijiet **Vittoria Cassar vs. Carmelo Vassallo** fid-29 ta' Mejju 1937 (Vol XXIX.i.1581) mill-Imħallef William Harding fejn fiha ġew elenkati l-konsiderazzjonijiet li l-Qorti għandha tqis dwar talba għall-ġustifikazzjoni tal-kontumaċja:

1. "Il-kontumacja ma tistax tigi ritenuta gustifikata jekk kienet volontarja;

2. Lanqas tista' tigi gustifikata jekk kienet almenu kolpuza;

3. Biex ikun hemm lok ghall-gustifikazzjoni hemm bzonn li tigi ppruvata kawza gusta;

4. Din il-kawza gusta ghandha tkun tikkonsisti f'impediment legittimu;

5. L-impediment, biex ikun legittimu, ghandu jkun indipendenti mill-volonta` tal-kontumaci;

6. L-izball mhux impediment legittimu jekk ma jkunx zball invincibbli, ghaliex jekk ikun vincibbli, allura jigi ekwiparat ghall-kolpa;

7. Dan l-impediment legittimu jista' jkun, kif intqal, "*una necessita` impellente di chiamata ad altri doveri imprescindibili*";

8. L-impossibilita` li wiehed jidher ghas-subizzjoni jew almenu d-diffikulta` gravi, biex tista' tikkostitwixxi impediment legittimu ghandha tkun fizika, u eccezzjonalment biss tista' tkun morali.

Dawn l-istess prinċipji gew riaffermati f'diversi deċizjonijiet ta' dawn il-Qrati fosthom **Paul Grixti vs Direttur tax-Xogholijiet Pubblici,** deciza mill-Qorti ta' l-Appell Civili fit-12 ta' Dicembru 1975, u **Margaret Bugeja et vs Alfred Ellul** deciza mill-Qorti ta' l-Appell (Sede Inferjuri) fit-13 ta' Jannar, 1999.

Fil-kawża fl-ismijiet **Noel Calleja et vs. Middlesea Valletta Life Assurance Co. Limited** (App Ċiv 126/2003) deċiża mill-Qorti tal-Appell (sede Superjuri) fit-28 ta' Jannar 2005, ġie dikjarat li:

> "L-istitut tal-kontumacja minn dejjem kien suggett ta' kontroversja. Dan hu hekk minhabba l-fatt li l-effetti tieghu - ta' natura punittiva - huma odjuzi. L-istitut tal-kontumacja huwa msejjes fuq il-presuppost li l-imharrek, bin-nuqqas tieghu li jwiegeb ghax-xilja u t-talba tal-parti attrici, ikun wera dispett lejn is-sejha tal-Qorti biex jidher quddiemha, liema dispett il-ligi thares lejh bhala ghemil li jsithoqqlu piena - dik li ma jkunx jista' jindahal fit-tressiq ta' provi billi dan jammonta ghal forma ta' dizordni socjali. Dik il-prezenza tal-imharrek - fatt fih innifsu pozittiv- hija invece mehtiega bhala parti mill-indagini li tkun trid issir mill-Qorti biex tistabbilixxi jekk kienx hemm tassew "kawza gusta" jew le. Dan hu hekk ghar-raguni

> li l-gustifikazzjoni ghandha tibqa' titqies bhala eccezzjoni gharregola li l-imharrek hu tenut li jwiegeb bil-miktub b'nota fiz-zmien stipulat fil-Kodici ta' Organizzazzjoni u Procedura Civili, u bhala tali l-eccezzjoni m'ghandha qatt tipprevali u tissupera dik li hija r-regola."

Din il-Qorti tagħraf li l-liġi tipprovdi għall-prospett ta' ġustifikazzjoni tal-kontumaċja permezz tas-**sub-artikolu (10) tal-Artikolu 158 tal-Kapitolu 12,** fejn il-Qorti għandha obbligu li tara jekk il-konvenut kontumaċi li jitlob biex jitħalla jikkontesta t-talbiet attriċi għandux raġunijiet validi u ġusti sabiex jiġġustifika l-kontumaċja tiegħu. F'dan ir-rigward l-Qorti tiċċita s-sentenza **Av. Dr. Tonio Fenech nomine vs. Interdrive Limited et** deċiża minn din il-Qorti diversament preseduta fit-30 ta' Novembru 2015:

> "L-istitut tal-kontumacja huwa mibni fuq il-presuppost li l-imharrek, bin-nuqqas tieghu li jwiegeb ghall-pretensjonijiet u ghat-talbiet tal-attur, ikun wera dispett lejn is-sejha tal-Qorti biex jidher quddiemha, liema dispett il-ligi thares lejh bhala att li jisthoqqlu piena u cioe` dik li ma jkunx jista` jressaq provi (ara : App. Kumm. - 21.5.1993 – "**Vella pro et noe vs Vella**" (**Kollez. Vol. LXXVII.ii.170**). Min-naha l-ohra, minhabba l-effett irriversibbli li l-kontumacja ggib maghha, il-Qrati taghna hadu l-linja illi r-rigorosita` tal-procedura ghandha tigi applikata u mfissra b`mod restrittiv fis-sens li fejn il-Qorti tkun sodisfatta li ma kien hemm l-ebda nuqqas volut min-naha tal-persuna mharrka li jista` jammonta ghal htija, m`ghandu jkun hemm l-ebda diffikulta` li l-kontumacja titqies gustifikata (ara : P.A. - 4.7.1991 – "**Vella pro et noe vs Ellul**" (**Kollez. Vol. LXXV.iii.729**)."

It-termini stipulati mill-liġi huma ta' ordni pubbliku. Il-Qorti tal-Appell fis-sentenza tagħha tal-11 ta' Marzu 2016 fl-ismijiet **Samchrome FZE vs. Danko Koncar et** għamlet referenza għall-kawża **Kenneth Abela vs. Aplan Limited et** deċiża mill-Qorti tal-Appell (sede Inferjuri) fis-6 ta' Frar 2008 fejn ġie ritenut illi:

“*Trattandosi* ta’ norma legali, l-osservanza tat-terminu fiha prefiss kellu jigi mhares ***ad unguem,*** in raguni ta’ l-element dekadenzjali insit. Dan anke ghaliex kif sewwa jinsab ritenut “l-osservanza tat-termini stabbiliti fil-Kodici ta’ Organizzazzjoni u Procedura Civili u f’ligijiet ohra specjali li jirregolaw il-kondotta tal-proceduri quddiem il-Qrati u quddiem it-Tribunali huma ta’ ordni pubbliku u ma jistghux jigu bl-ebda mod injorati u lanqas bil-kunsens tal-partijiet rinunzjati jew mibdula” (“**Giuseppi Caruana -vs- Charles Psaila”, Appell mill-Bord li Jirregola l-Kera, 21 ta’ Marzu 1997);**

Jikkonsegwi mill-espressjoni ta’ fehma fis-silta mis-sentenza appena citata illi t-terminu procedurali la jista’ jigi sanat b’xi adezjoni tal-kontro-parti fil-proceduri u lanqas prorogat; sospiz jew interrott. Kif gie minn din il-Qorti sa recentement osservat, “in-natura inderogabbli tat-termini processwali ggib b’ konsegwenza illi dwarhom ma jistghux jigu applikati provvediment sanatorji jew ta’ rimessjoni ankorke d-dekors inutli taghhom ma jkunu imputabbli lill-parti interessata. Dan ghal motiv illi dik l-improrogabilita hi hekk necessarja ghal raguni ta’ certezza u, wkoll, ta’ uniformita”. (“**Salina Wharf Marketing Limited -vs- Malta Tourism Authority”, Appell mill-Bord ta’ l-Appelli dwar it-Turizmu, 12 ta’ Dicembru 2007).**”

Ikkonsidrat;

Kif ġie ritenut fil-ġurisprudenza hawn fuq ċitata, meta konvenut f’kawża jitlob li jiġġustifika l-kontumaċja tiegħu jeħtieġ li tiġi murija kawża ġusta għalfejn ma ġietx ippreżentata risposta ġuramentata fit-terminu impost mil-liġi.

Fil-każ odjern in-notifika ma saritx bil-mezz ordinarju billi r-rikors promotur u l-avviż tas-smiegħ ma ġewx konsenjati lill-kjamat in kawża;

għaliex kif rajna n-notifika saret bil-mezz tal-affissjoni u pubblikazzjoni. ai termini tal-Artikolu 187 tal-Kap. 12.

**Artikolu 187 (3) tal-Kap. 12** jipprovdi kif ġej:

> (3) Jekk mir-riferta tal-uffiċjal inkarigat minn notifika ta'skrittura jew att ġudizzjarju jinstab li l-persuna li għandha tiġinotifikata bl-iskrittura jew att, għalkemm ma tirriżultax li qegħda barra minn Malta, id-dħul fil-post tar-residenza tagħha ma jkunx jista' jsir, jew il-post tar-residenza tagħha ma jkunx magħruf, il-qorti tista' tordna illi n-notifika ssir billi titwaħħal kopja tal-att fil-post, fil-belt jew fid-distrett fejn soltu jitwaħħlu l-atti uffiċjali, u billi dik l-iskrittura jew att jinħarġu fil-qosor fil-Gazzetta u f'ġurnal ta' kuljum wieħed jew iktar minn wieħed skont kif il-qorti tiddeċiedi u, meta jkun possibbli, jekk il-post tar-residenza jkun magħruf, billi titwaħħal kopja tal-iskrittura mal-bieb ta' dik ir-residenza. Il-qorti tista' wkoll tieħu dawk il-miżuri oħra li jkunu jidhrulha xierqa sabiex l-iskrittura jew l-att issir taf bihom il-persuna li lilha għandhom ikunu notifikati. F'dawk il-każijiet in-notifika għandha titqies li tkun saret fit-tielet jum tax-xogħol waral-aħħar data meta tkun ġiet pubblikata jew minn meta tkun twaħħlet il-kopja, skont liema tiġi l-aktar tard.

Fis-seduta tat-23 ta' Frar, 2022 il-Qorti ordnat lill-attur sabiex jippreżenta b'nota ġuramentata "1) L-aħħar indirizz magħruf lilu tal-kjamati in kawza;.....3) Kwalunkwe informazzjoni oħra, a konoxxenza tal-attur, li tista' tkun ta' għajnuna sabiex il-kjamati in kawza jigu rintraccati." U dan peress li fi żmien tlettax-il xahar minn meta ingħata d-digriet li sejħilhom fil-kawża, kienu għadhom mhux notifikati.

B'nota tat-8 ta' Marzu, 2022 l-attur informa lill-Qorti illi l-aħħar indirizz magħruf tal-imsejjaħ fil-kawża Damien Borg kien "il-Garra, Triq il-Gallina, san Gwann".

Kien għalhekk illi fuq talba tal-attur, il-Qorti, b'digriet tal-4 ta' Mejju, 2022, awtorizzat in-notifika lill-imsejjaħ fil-kawża Damien Borg bil-mezz tal-proċedura ta' affissjoni u pubblikazzjoni bl-ordni espressa illi għandha ssir ukoll affissjoni mal-fond "Il-Garra, Triq il-Gallina", San Gwann.

Kif rajna *supra,* skond ir-riferta tal-marixxal datata 10 ta' Ġunju, 2022, huwa ma sabx il-fond 'il-Garra, Triq il-Gallina, San Gwann. Tant illi fis-seduta tat-30 ta' Ġunju, 2022 ġie verbalizzat hekk:

> Peress illi jonqos li **tigi konkluza l-procedura tal-affissjoni,** fil-"konfront tal-kjamati in kawza Andrew Borg u Damian Borg, u peress li fiz-zewg kazijiet il-Marixxall ma rnexxilhux jeffettwa l-affissjoni **minhabba nuqqas ta' direzzjoni adegwata fl-indirizz provdut**, u peress li jonqos ukoll il-publikazzjoni tal-avviz relattiv f'gazzetta lokali, thalli l-kawza ghall-konkluzjoni tal-procedura tal-affissjoni u publikazzjoni, ghat-………" (sottolinear tal-Qorti).

Fis-seduta tat-28 ta' Settembru, 2022 l-avukat tal-attur informat lill-Qorti illi kien jeħtiġilha aktar żmien għan-notifika lill-kjamati in kawża u għalhekk il-Qorti iddifferiet il-kawża "għan-notifika bil-mezz tal-affissjoni u pubblikazzjoni lill-kjamati in kawza Andrew Borg u Damien Borg."

Ma sar l-ebda tentativ ieħor sallum mill-attur sabiex issir l-affissjoni fl-indirizz ġewwa San Gwann kif ordnat bid-digriet tal-4 ta' Mejju, 2022. Lanqas sallum ma għamel talba sabiex il-Qorti tirrevoka d-digriet tagħha tal-4 ta' Mejju 2022 safejn ordnat li l-affissjoni ssir mal-fond indikat mill-attur ġewwa San Ġwann.

Fis-seduta tas-26 ta' Jannar, 2023 deher għall-ewwel darba l-imsejjaħ fil-kawża Damien Borg fejn l-avukat tiegħu kien informa illi kien beħsiebu jippreżenta rikors sabiex jitħalla jippreżenta risposta ġuramentata.

Ikkunsidrat;

**Talbiet għall-ġustifikazzjoni tal-kontumaċja huma min-natura tagħhom intrinsikament komplessi peress li min-naħa l-istitut tal-kontumaċja huwa bżonjuż sabiex tinżamm id-dixxiplina u l-uniformita' fil-proċessi ġudizzjarji; iżda fl-istess ħin għandha l-effett illi ixxellef il-prinċipju li għandu jitħaddan f'kull proċess ġudizzjarju tal- "audi alteram partem". Għalhekk l-istitut tal-kontumaċja huwa sew meħtieġ u fl-istess ħin odjuż.**

**Peress li l-kontumaċja għandha effetti delibitanti notevoli fuq min mill-partijiet jissokkombi għaliha, jeħtieġ illi l-provvedimenti legali regolanti jiġu interpretati b'tali mod illi fejn hemm dubju dan għandu jmur favur il-parti li titlob l-għarfien tal-Qorti illi l-kontumaċja kienet ġustifikata b'mod li l-parti titħalla tagħmel il-każ tagħha sew fir-rispett tal-prinċipju "audi alteram parem" kif ukoll fir-rispett tal-prinċipju daqstant ieħor sinifikattiv tal- "equality of arms".**

**Għalhekk il-Qorti għandha l-ewwel u qabel kollox tiddelibera dwar jekk min qed jitlob li jiġġustifika l-kontumaċja, huwiex verament kontumaċi. Dan qed jingħad peress li n-notifika bil-mezz tal-affissjoni u pubblikazzjoni tirrikjedi analiżi diversa mill-affissjoni bil-konsenja minn id l-uffiċjal eżekuttiv tal-qorti għall-id tal-parti li trid tkun notifikata jew f'id persuna oħra idonea.**

Fil-każ tan-notifika bil-mezz ta' affissjoni u pubblikazzjoni huwa bil-wisq aktar meħtieġ li l-proċedura tiġi segwita *ad unguem* sabiex jiġi meqjus li għall-finijiet tal-liġi l-parti hi notifikata; nonostante li konsenja fiżikament f'idejn il-parti u f'idejn persuna idonea ma tkunx seħħet. Tali konsiderazzjonijiet jitfgħu fuq l-attur u fuq l-uffiċjali eżekutivi tal-qorti piż akbar sabiex dak ordnat fid-digriet jiġi osservat. Alterimenti n-notifika bl-affissjoni u pubblikazzjoni tkun difettuża u f'ċirkostanzi oħra tista' saħansitra twassal għal ritrazzjoni tal-proċess ġudizzjarju.

Issa fil-każ odjern il-Qorti kif rajna kienet ordnat li affissjoni ssir ukoll fl-indirizz ġewwa San Gwann provdut mill-attur. L-indirizz mogħti mill-attur il-marixxal ma sabux. L-attur ma ħa l-ebda passi wara dik ir-riferta negativa. La pprovda in-numru tal-bieb tal-fond minnu indikat u lanqas talab lill-Qorti tvarja d-digriet tagħha fejn ordnat l-affissjoni mal-fond imsemmi.

**Dan in-nuqqas da parti tal-attur jagħmel in-notifika tal-affissjoni bħala waħda difettuża li għadha mhiex konkluża u għalhekk strettament it-terminu għall-preżentata tar-risposta ġuramentata għadu ma bediex**

**għaddej fid-dawl tal-Artikolu 187 (3) tal-Kap 12 li jipprovdi fir-rigward illi: "… in-notifika għandha titqies li tkun saret fit-tielet jum tax-xogħol wara l-aħħar data meta tkun ġiet pubblikata jew minn meta tkun twaħħlet il-kopja, skont liema tiġi l-aktar tard."**

Fir-rikors tiegħu Damien Borg jgħid li l-indirizz indikat f'San Gwann ma hux l-indirizz attwali residenzjali tiegħu. Kif ġie ritenut fis-sentenza **Geoffrey Carachi v. Saviour Fenech** mogħtija mill-Prim' Awla tal-Qorti Ċivili fl-24 ta' Ottubru, 2003 fejn l-affissjoni saret ma' fond li ma kienx ir-residenza tal-konvenut: "Il-Qorti hasbet fit-tul fuq dawn ic-cirkostanzi u hija tal-fehma li ghalkemm jista' jinghad li n-notifika skond issubartikolu (3) ta' l-artikolu 187 tal-Kap 12 kienet teknikament regolari, il-fatt li l-konvenut ma kienx qieghed jabita fil-fond …………fiz-zmien li saret l-affissjoni rrenda aktar difficli l-possibilita` li jsir jaf bil-proceduri dedotti kontra tieghu. U l-fatt li ha passi mmedjati una volta li sar jaf b'dawn il-proceduri juri li ma kien hemm l-ebda intenzjoni da parti tieghu li juri dispett lejn il-Qorti."

***Multo magis* fil-każ odjern fejn l-affissjoni ordnata mill-Qorti speċifikament ma' fond ġewwa San Ġwann għadha sallum ma saritx.**

Għalhekk il-Qorti qed tikkonkludi illi l-proċedura ordnata tan-notifika bil-mezz tal-affissjoni u pubblikazzjoni kienet għadha ma ġietx konkluża meta l-imsejjaħ fil-kawża Damien Borg deher għall-ewwel darba għas-seduta tas-26 ta' Jannar, 2023.

Tajjeb jiġi rilevat illi fis-seduta tas-26 ta' Jannar, 2023 ġie assunt, erronjament, illi l-proċedura tan-notifika bl-affissjoni u pubblikazzjoni kienet ġiet validament konkluża fil-konfront ta' Damien Borg u li konsegwentement kien meħtieġ li jippreżenta rikors sabiex jiġġustifika tali kontumaċja; kontumaċja li kif issa qed jirriżulta ma kienx hemm u li allura strettament it-terminu ta' għoxrin jum għall-preżentata tar-risposta ġuramentata ma skattax.

**Decide**.

Għal dawn il-motivi l-Qorti, filwaqt li tiċħad l-objezzjonijiet imressqa mill-attur,

1. **Tilqa'** r-rikors ippreżentat mill-imsejjaħ fil-kawża Damien Borg fil-21 ta' Frar, 2023;

2. **Tagħti** lill-istess Damien Borg għoxrin jum millum sabiex jippreżenta:

   (i) **risposta ġuramentata** u

   (ii) **nota ġuramentata** bl-indirizz residenzjali jew bl-indirizz tax-xogħol tiegħu fejn għandu minn issa 'l quddiem jibda jiġi notifikat bl-atti ta' din il-kawża

**Spejjeż rizervati** għall-ġudizzju finali.

Moqrija.

**Robert G. Mangion**
**Imħallef**
15 ta' Ġunju, 2023

**Lydia Ellul**
**Deputat Reġistratur**